



# Il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali tal-1913

Mario Fenech

Matul ix-xahar li għadda smajna ħafna dwar dak li kien seħħ f'Malta bejn l-24 u s-27 ta' april tas-sena 1913.

Kien xieraq li din id-data tiġi mfakkra u kien hemm ħafna bħali li xtaqu li dak li sar mitt sena ilu jerġa' jsir u mhux biss terġa' tiġi mfakkra din l-okkażjoni unika, iżda wkoll biex bħalma ġara wara li kien intemm il-Kungress, jerġa' jsir l-istess issa.

Dan ifisser li kien ikun hawn qawmien ġdid ta' interess fl-Ewkaristija tant li funzjonijiet bi tħejjija flimkien mal-purċissjoni ta' Corpus Christi jerġgħu jingħataw l-attenzjoni xierqa u jsiru b'aktar solennità, kif wara kollox jixrea lil festa bħal din.

Kienu saru laqgħat ta' talb, ċerimonji kbar u mhux tas-soltu, bħalma huma t-tberik tal-baħar, iżda l-akbar ċerimonja li saret, kienet dik tal-għeluq tal-Kungress.

Dakinhar kienet saret purċissjoni li ħarġet mill-Kon Katidral ta' San Ġwann u minn knejjes oħra lejn il-Furjana fejn kienet twaqqfet tribuna kbira biex minn fuqha ssir iċ-ċelebrazzjoni ewkaristika u l-barka sagramentali li tmexxiet mill-Kardinal Domenico Ferrata, id-delegat speċjali tal-papa Piju X, għal dan il-kungress.

Dakinhar, fil-purċissjoni ħadu sehem aktar minn 7000 ruħ, bosta minnhom membri tal-fratellanzi tas-S.S.M.U sagrament minn madwar il-gżejjer Maltin.

Il-post fejn twaqqfet it-tribuna kien jissejjaħ l-Għalqa tal-Biskuttin, quddiem il-Ġnien tal-Mall. Illum, f'dan il-post hemm il-monument ta' Kristu Re, xogħol l-iskultur Antonio Sciortino, li jfakkar dan il-Kungress.




Minn ħafna xhur qabel saru preparamenti kbar għal dan il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali. Twaqqfu numru ta' Kumitati, sar ukoll ġbir ta' fondi u fl-istess waqt, ħafna mill-armar li kien jintuża dak iż-żmien kien jintrama fit-toroq tal-lokalitajiet li fihom kienu saru laqgħat u purċissjonijiet waqt il-jiem tal-Kungress.

Dawk li ħadu sehem fil-Kungress u l-benefatturi, kienu ngħataw tessera biex permezz tagħha jkunu jistgħu jipparteċipaw f'dak kollu li ġie mħejji.

Wara li ntemm il-Kungress, ħafna mill-purċissjonijiet ta' Corpus Christi bdew isiru b'aktar solennità, waqt li beda jsir aktar armar sabiħ fit-toroq fil-jiem tal-festi.




Kienu żminijiet diffiċli għall-poplu minħabba l-faqar li kien hawn fil-gżejjer Maltin. Dak iż-żmien, il-ħajja tant kienet diffiċli li għaddew biss sitt snin minn dan il-Kungress biex il-poplu qam kontra l-Gvern Kolonjali waqt l-irvellijiet tas-7 ta' Ġunju 1919.

Dan ifisser li fejn kienet tidħol ir-reliġjon Kattolika, il-poplu f'Malti kien jipparteċipa bi ħġaru waqt li dawk li kienu ġew għal dan il-Kungress ikkummentaw li qatt ma kienu saru funzjonijiet b'tant solennità fil-kungressi li kienu saru qabel.

Dak li kien sar f'Malta bejn l-24 u s-27 ta' April 1913 serva biex il-popli kollha tad-dinja jkunu jafu aktar mhux biss dwar l-Ewkaristija, iżda wkoll dwar il-poplu Malti.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

GP BORG GROUP

Conscarm, Ibraġġ Road,
Ibraġġ, SWQ 2039, Malta

Tel: (+356) 2138 2028, 2138 2034
Fax: (+356) 2138 1971
Email: info@gpborg.com
Web: www.gpborg.com

Victor's
Radiators
stockist of original radiators

Sales & Repairs

120, Birkirkara Road,
San Ġwann SGN 08
Tel/Fax: 2138 8957
Mob: 7938 8957

